MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Numru. 412/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi)**

**Vs**

**Jason Grech li ghandu numru tal-karta ta'l-identita 0517176(M) ta' 36 sena iben Alfred u Lucia k/as Lucy nee' Borg, mwieled il-Pieta' nhar is-17 ta' Awwissu 1976 u residenti 24, Jason, Triq ir-Riebu, Rabat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jason Grech li permezz taghha huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-14 ta' Marzu 2011 ghal habta tal-4:15 ta' wara nofs in-nhar gewwa Triq l-Imdina. Hat-Attard

1. Bla ordni skond il-ligi ta'l-awtorita kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-persuna ta'

ommu Lucia Grech kontra l-volonta taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra.
2. Ikkometta serq ta’ 230 euros ghad-dannu ta’ommu Lucia Grech liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-lok.
3. Hedded lil ommu Lucia Grech b’omicidju u flimkien mat-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni.
4. Uza vjolenza sabiex igieghel lil ommu Lucia Grech taghmel, thalli jsir jew tonqos milli taghmel xi haga.
5. Bl-imgieba tieghu ikkaguna biza lil ommu Lucia Grech u terzi persuni, li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta taghhom.
6. Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.
7. U aktar f’dawn il-Gzejjer fl-istess data, f’xi hin fil-ghodu permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-15 ta’ Marzu 2011sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-proceduri sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi fuq il-fattispecje ta’ dana il-kaz ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni billi l-imputat, fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija meta jigi arrestat u interrogat, jammetti illi huwa hedded lil ommu u anke li mar ifittixiha id-dar taghha u heddidha b’sikkina li jekk ma taghtihx il-flus li kienet

weghditu huwa kien ser joqtolha[1]. Huwa baqa' iheddidha b'dina is-sikkina sakemm hija fil-fatt cediet u tatu €230. L-imputat madanakollu isostni illi huwa ma kellu l-ebda intenzjoni jaghmel xi hsara lil ommu u wisq anqas li joqtolha izda ha dina l-azzjoni sabiex ibezzaghha biex b'hekk hija taghtih dawn il-flus. Mix-xhieda ta' Lucia Grech, kif ukoll ta' binha Joseph Grech u is-siehba tieghu Redianne Mifsud jidher illi l-imputat kif wasal fid-*drive-in* tar-residenza ta' ommu fejn hija kienet fil-vettura ta' huh flimkien ma' Mifsud, mar ghaliha mal-ewwel b'sikkina f'idejh u beda jinsisti maghha li tghaddielu l-flus li kienet weghditu. Ommu tghid li bezghet, nizzlet mil-vettura u dahhlet id-dar flimkien ma' binha Joseph Grech fejn dina ghaddietlu €230 li Joseph imbaghad ghadda lil huh, l-imputat, li kien qed jistenniehom fil-bieb tal-garaxx bis-sikkina f'idu.[2]

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta'l-imputat hija r-reat tas-sekwestru tal-persuna ikkontemplata fl-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Christopher Ellul* deciza mil-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 7 ta' Mejju 2001) jinghad:

**"*Ghandu jigi osservat li ghall-fini tar-reat in dizamina huwa bizzejjed, biex jikkonfigura dana d-delitt, li persuna tigi jew arrestata jew mizmuna jew issekwestrata kontra l-volonta` taghha u minghajr ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti*."**

Il-ligi ma tispecfikax it-tul taz-zmien li l-persuna tinzamm hekk detenuta jew mizmuma, izda tispecifika biss illi l-vittma trid tkun mizmuma b'implikazzjoni ghalhekk cara illi hija ma ghandhiex il-liberta' li titlaq mill-post fejn tkun qed tigi mizmuma minn jeddha jekk hija ikollha ix-xewqa li taghmel dan.

---

[1] Dokument SZ6 a fol.26

[2] Ara xhieda ta' Lucia Grech, Joseph Grech u Redianne Mifsud a fols.51, 60 u 68 rispettivament.

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju illi l-imputat kellu sikkina f’idejh b’ordni cara lil ommu li tghaddielu l-flus li hu ried minn ghandha. Jidher illi huwa permezz ta’ dina is-sikkina hedded lil ommu u gieghlha tidhol gewwa sabiex iggiblu il-flus. L-imputat stess ighid illi dina is-sikkina hadha mieghu bhala mezz biex huwa jiehu bil-forza dawn il-flus li ommu ma reditx taghtih volontarjament. Huwa baqa’ jistennieha fil-bieb tal-garaxx bis-sikkina f’idu b’dana ghalhekk illi f’dawn il-ftit mumenti Lucia Grech kienet qed tigi mizmuma milli tohrog minn darha stess jekk qabel ma tghaddiehx dawn il-flus lil binha u dan ghaliex l-imputat kien qed iheddidha bil-mewt jekk hija ma taghmilx dak li kien qed jordnalha. Tant hu hekk allura illi sahansitra jirrizultaw ic-cirkostanzi aggravanti kif indikati fl-artikolu 87(1)(e) u (h). Illi dana ir-reat huwa marbut ukoll mal-hames imputazzjoni li jikkontempla r-reat tal-vjolenza kontra l-privat[3] u kwindi billi hawnhekk hawn l-applikazzjoni ta’l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ser tghaddi biex tinfliggi l-piena ghar-reat l-iktar gravi.

Kwindi f’dawn ic-cirkostanzi ir-reat jinsab pjenament ippruvat.

Illi t-tieni akkuzi migjuba fil-konfront ta’l-imputat tipprospetta r-reat tas-serq u dana ghad-dannu ta’ Lucia Grech li tigi omm l-imputat. Dana ghalhekk necessarjament jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza u dana kif dispost fl-artikolu 332 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddisponi testwalment:
**“.. l-azzjoni kriminali ma titmexxiex minghjar il-kwerela tal-parti offiza, ghal reati li jsiru kontra l-hwejjeg ta’l-axxendenti jew kontra hwejjeg tal-qraba bi zwieg fil-linja ta’axxendenti, jew ta’l-ahwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi zwieg fl-istess grad …”**

Issa mill-atti processwali jirrizulta illi omm l-imputat Lucia Grech irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ binha biss ghar-rigward ta’ dina l-imputazzjoni.[4] Ghalhekk

---

[3] Artikolu 251 tal-Kodici Kriminali.
[4] Ara stqarrija Dokument SZ4 a fol.24 u xhieda ta’ Lucia Grech a fol.55 u 58

fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax hlief tiddikjara l-procediment ezawriet.

Illi it-tielet akkuza tinsab ammess mil-imputat stess kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll mil-verbal maghmul mid-difiza fis-seduta ta'l-1 ta' Gunju 2011 fejn gie iddikjarat illi fil-messagg mibghut lil Redeemer Grech mil-imputat fuq it-telefon cellulari ta' huh huwa kien hedded lil ommu bil-mewt.[5]

Illi l-hames imputazzjonijiet titratta dwar ir-reat tal-hekk imsejjah *harassement* bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-***Protection from Harassment Act, 1997*** tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: ***"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*** L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: ***"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be***

---

[5] Ara verbal a fol. 14 u stqarrija ta'l-imputat Dokument SZ4

***guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"*** . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** :

**"How separate the two occasions must remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Illi minn dina l-esposizzjoni legali ma hemmx dubbju illi dana ir-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat fil-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu ma jistax jissussisti. Dana ma kienx xi ***course of conduct*** izda certament u minghajr l-icken dubbju kienet okkazzjoni unika. Lucia Grech stess tghid illi dina kienet l-ewwel okkazzjoni illi l-imputat gab ruhu maghha b'dana il-mod. Tghid illi hija qatt ma kellha inkwiet ma' binha u qatt ma kien hemm xi okkazzjoni fejn huwa kien vjolenti maghha jew heddidha. Hija tghid illi kien hemm semplicement disgwid bejniethom ghar-rigward ta' dawn il-flus u xejn iktar. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi fl-ahharnett l-imputat jinsab akkuzat illi garr sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u li ghamel uzu mhux xieraq mit-telefon cellulari meta huwa uzah bhala mezz biex ihedded lil ommu bil-mewt. Illi indubbjament dawn l-ahhar zewg akkuzi ukoll jirrizultaw ippruvati. Fl-ewwel lok ma hemmx dubbju illi l-imputat kien qieghed igorr sikkina fil-vettura tieghu u li din anke uzaha sabiex ihedded lil ommu biha. Illi mix-xhieda ta' WPC170 Marlene Vella u id-dokument esebiet minnha, l-imputat ma ghandux licenzja ghal garr ta' armi.[6] Inoltre l-arma tan-nar giet esebita fl-atti tal-kawza u gie ikkonfermat mix-xheida kollha li xehdu illi dina kienet l-arma uzata mill-imputat fil-jum ta'l-incident mertu ta' dina l-kawza. [7] Fit-tieni lok kif diga inghad iktar 'il fuq fir-rigward ta'l-ahhar akkuza, d-difiza stess tiddikjara illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-imputat kien baghat messagg ta' theddid fil-konfront ta' ommu permezz tat-telefon cellular tieghu u kwindi anke dina l-akkuza tirrizulta pjenament ippruvata.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti, bhal kif dejjem ghamlet f'kazijiet simili, ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi dana l-incident kien jinvolvi membri ta'l-istess familja. Illi ghalhekk hija tal-fehma illi b'piena karcerarja effettiva l-problemi li jezistu bejn l-

[6] Ara xhieda a fol.73 u id-Dokument MV esebiet minnha
[7] Sikkina esebieta Dokument SZ1

imputat u l-ġenituri tiegħu ma humiex ser jigu sorvolati. Il-Qorti madanakollu ser timponi dawk il-garanziji kollha necessarji sabiex tigi salvagwardjata l-inkoluminita' tal-parti leza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 86, 87 (1)(e)(h), 339(1)(e), 251, 17(h), 23 u 332 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480, artikolu 48(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara il-procediment esawriet fir-rigward tat-tieni akkuza u tillibera lill-imputat mill-hames akkuza migjuba fil-konfront tieghu issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi u tikkundannah ghal perijodu ta' erbatax-il xahar prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum, kif ukoll l-imputat qed jigi ikkundannat ghal hlas ta' multa ta' mitejn ewro (€200).

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat ihor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hati taht garanzija ta' €1000 sabiex izomm il-paci ma' Lucia Grech u dana ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tordna il-konfiska tas-sikkina esbita bhala Dokument

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------